# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**24 ta' Frar, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A. LL.D., AR. HIST S.**

Avukat Dottor Stefan Meilak *noe*

*versus*

Anthony Hammett *et noe*

**Konkorrenza Żleali**

*L-aħħar insenjament in materja ngħata fil-kawża fl-ismijiet Dottor P. Valletta nomine vs Joseph Tanti mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Marzu, 1992 fejn ġie ritenut "illi l-konkorrenza neċessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess sfera ta' attività, fl-istess kontest ta' żmien u spazju".*

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi *nomine* li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-soċjetà konvenuta reċentement bdiet tbigħ u tiddistribwixxi hawn Malta oġġetti mmarkati bil-kliem u ismijiet "Axis" u "Axis The Limate" (Dok A) liema oġġetti qegħdin jiġu importati mis-soċjetà konvenuta miċ-Ċina;

Premess illi s-soċjetà attriċi li hija proprjetarja ta' l-Axis

Discotheque, f'San Ġiljan, hija wkoll proprjetarja tal-kliem u ismijiet "Axis" u "Axis The Ultimate" (Dok B u C);

Premess illi s-soċjetà attriċi ilha tuża dawn il-kliem u ismijiet għal diversi snin u dawn jifformaw parti mill-avvjament tagħha liema kliem u avvjament akkwistaw fama nazzjonali;

Premess illi s-soċjetà konvenuta qegħda tagħmel użu minn dawn il-kliem mingħajr il-kunsens u l-permess tas-soċjetà attriċi, u s-soċjetà konvenuta b'dan l-aġir illegali u abbużiv tagħha qiegħda toħloq konfużjoni f'moħħ il-konsumatur b'konsegwenza li qiegħda tikkommetti atti ta' konkorrenza żleali fil-konfront tas-soċjetà attriċi li kif ġà ngħad hija l-proprjetarja tal-kliem u ismijiet fuq riferiti, liema kliem u ismijiet ilhom jintużaw għal diversi snin u akkwistaw fama nazzjonali;

Premess illi s-soċjetà konvenuta qiegħda tipprova b'abbuż kbir tal-liġi tikseb gwadann mir-reputazzjoni u fama tas-soċjetà attriċi u b'hekk tħawwad moħħ il-konsumatur billi turi li hemm jew jista' jkun hemm xi konnessjoni bejn in-negozju tas-soċjetà konvenuta u dik tas-soċjetà attriċi.

Premess illi dan l-aġir tas-soċjetà konvenuta huwa illegali u abbużiv u jmur kontra d-disposizzjoni ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u għalhekk qed jikkawża danni kontinwi lis-soċjetà attriċi;

Premess illi permezz ta' diġriet ta' dina l-Qorti tas-16 ta' Settembru 1991 is-soċjetà konvenuta ġiet inibita milli tbigħ u/jew tiddistribwixxi oġġetti mmarkati bil-kliem "Axis" u jew "Axis The Limate", u milli b'xi mod ieħor tagħmel xi użu minn dawn il-kliem u ismijiet u kif ukoll milli tqabbad terzi persuni mill jagħmlu l-istess (Mandat ta' Inibizzjoni numru 2906/91K);

Talab għalhekk, li dina l-Qorti, għar-raġunijiet fuq premessi:

(1) tiddikjara lis-soċjetà konvenuta reponsabbli ta' konkorrenza żleali fil-konfront tas-soċjetà attriċi a tenur tal-liġi bl-użu tal-kliem u ismijiet "Axis" u "Axis The Limate";

(2) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex immedjatament tieqaf milli timporta, tbigħ u/jew tiddistribwixxi f'Malta oġġetti mmarkati bil-kliem "Axis" u/jew "Axis The Limate" u milli b'xi mod ieħor tagħmel użu minn dawn l-kliem u ismijiet fuq imsemmija u kif wkoll milli tqabbad terzi persuni mill jagħmlu l-istess;

(3) tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li *jiġi* prefiss *mill-Qorti tiddistruġġi* u teqred kwalunkwe oġġett fil-pussess tagħha li b'xi mod jikkomprendi u jissenjala l-kliem u l-ismijiet fuq riferiti;

(4) tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta kull rimedju ieħor li jista' skond iċ-ċirkostanzi jneħħi l-effetti ta' l-att li bih saret il-konkorrenza żleali;

(5) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi penali li ma teċċedix ħames mitt lira (Lm500) u li tiġi stabbilita mill-Qorti a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta u bl-interessi legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Mario Hammett bħala *Managing Director* u għan-nom tas-soċjetà Eros Trading Limited li biha jeċċepixxi reverentement:

1. illi s-soċjetà konvenuta bl-ebda mod ma kkonkorriet żlealment mas-soċjetà attriċi u għalhekk it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi;

2. Illi l-attur nomine m'huwiex il-proprjetarju tal-kliem u l-isem "Axis" u/jew "Axis The Ultimate";

3. M'huwiex konċepibbli u huwa allura għal kollox inveritjer li hemm konfużjoni f'moħħ l-pubbliku bejn basket ta' l-iskola bl-isem "Axis" u diskoteka ta' l-istess isem.

4. Salve eċċezzjonijiet oħra....*omissis*;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali pprenżentata mill-perit legali minnha nnominat;

Rat ukoll in-nota ta' kritika da parti ta' l-attur nomine;

Ikkunsidrat illi kif issottometta l-abili perit legali (ara para 18 - fol 69 tal-proċess), din il-kawża hija pjuttost waħda dwar punti legali u interpretazzjoni ta' fatti peress illi dwar il-fatti nnifishom ma jidhirx li hemm wisq differenzi. Ma hemmx kontestazzjoni li s-soċjetà attriċi tiġġestixxi diskoteka jisimha Axis, waqt li s-soċjetà konvenuta timporta għall-bejgħ basktijiet ta' l-iskola illi fuqhom tidher il-marka AXIS;

Ma hemmx qbil dwar jekk il-konvenut nomine baqax ibigħ minn dawn il-basktijiet wara li nħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra tiegħu ad istanza ta' l-atturi nomine. L-attur wera ritratt u pproduċa xhud biex jiddimostra li l-bejgħ issokta;

Illi ebda prova ma ġiet prodotta li l-kelma AXIS hija rreġistrata bħala '*trade mark*' minn xi waħda mis-soċjetajiet kontendenti u fil-fatt din il-kawża hija premessa fuq konkorrenza żleali skond l-Kodiċi tal-Kummerċ - art. 32.

Il-konklużjonijiet tal-perit legali kienu s-segwenti:

1. It-talbiet ta' l-attur għandhom ikunu miċħuda għax ma tirriżultax konkorrenza żleali; . . . . *omissis;*

2. Kif tajjeb semma r-relatur, l-aħħar insenjament in materja ngħata fil-kawża fl-ismijiet "**Dottor P. Valletta nomine - vs - Joseph Tanti** mogħtija mill Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Marżu, 1992 fejn ġie ritenut "illi l-konkorrenza neċessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn **fl-istess sfera t'attività**, fl-istess kuntest ta' żmien u spazju". Għalhekk irritjena li l-partijiet ma jikkonkorrux fl-istess sfera ta' attività u għalhekk ma tirriżultax konkorrenza żleali;

Illi għalkemm il-konvenut nomine nqeda bl-isem "Axis The Limate" biex minnu jagħmel kapital mis-somiljanza ta' dan il-kliem mal-kliem "Axis the Ultimate", irritjena r-relatur, xorta waħda tali aġir ma kienx jammonta għal konkorrenza żleali. Dan għaliex mhux biss għax l-isfera ta' attività tal-kontendenti hija totalment differenti, iżda anke n-nies li jinqdew bil-prodott tal-konvenut ma humiex ta' l-istess kategorija ta' nies li normalment imorru fid-diskoteka;

Fin-nota tiegħu, id-difensur abili ta' l-attur nomine ikkritika r-relatur talli m'għarafx jara li fl-art. 32 iż-żewġ ipotesijiet tal-liġi huma alternativi. Il-kawża attriċi hija bbażata fuq il-fatt illi l-konvenuti nomine qed jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta'

ismijiet fittizzji li jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta tal-konvenuti nomine u b'hekk qed jabbużaw mill-ismijiet użati;

Fil-fehma tal-Qorti, is-sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi m' għandhomx fondament sod għaliex jibqa' l-fatt li ż-żewġ ġeneri ta' attivitajiet huma għal kollox differenti minn xulxin. Mhuwiex konċepibbli li persuna tikkonfondi basket ma' diskoteka u viċe-versa. Veru hemm l-użu ta' l-istess kelma però hawn għandu jiġi rrilevat li l-kelma 'AXIS' hija kelma ġenerika li mit-tifsira tagħha stess la tista' neċessarjament tintrabat ma' diskoteka u lanqas ma' basktijiet - hija għażla arbitrarja. Issa li kieku teżisti l-konnessjoni li jippretendu l-atturi nomine, allura l-argomenti tiegħu jkollhom tassew fondament iżda fattwalment dan mhuwiex il-każ. Il-paragun ipotetiku ta' użu ta' *tee-shirts* bl-isem ta' l-AIR MALTA jew BRITISH AIRWAYS ma jistax jiġi indagat meta dawn il-kumpaniji mhumiex in kawża u meta allura lanqas jista' jiġi vverifikat teżistix jew le xi forma oħra ta' protezzjoni taħt il-liġi tal-Proprjetà Industrijali;

Fis-sottomissjonijiet orali, l-abili difensur ta' l-atturi nomine għamel aċċenn ħafif għall-każ indeċiż fi Franza dwar l-użu tal-marka "Champagne" fejn soċjetà li timmanifattura u tinnegozja fil-fwieħa għamlet użu minn dan l-isem u spiċċat biex ġiet inibita milli tkompli. L-atturi ma ppreżentaw l-ebda nota ta' riferenzi ulterjuri però f'kull każ għandu jingħad li fid-dottrina legali estera teżisti dik magħrufa bħala terminu b'tifsira sekondarja. Il-professur Ronald A. Anderson fil-ktieb tiegħu "Business Law" (South Western Publishing Co. 8th Edition) pp. 248 jgħid li:

*'A term or terms which have a primary meaning of their*

*own acquire a secondary meaning when, through long use in connection with a particular product, they have come to be known by the public at large as identifying the particular product and its origin. For example, the geographic term 'Philadelphia' has acquired a secondary meaning as applied to cream cheese. . . . ;'*

Però f'kull każ dan l-argument u oħrajn simili ma jissuffragawx lit-teżi ta' l-atturi nomine;

*Omissis*;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-atturi nomine kif dedotti għax ma tirriżultax il-konkorrenza żleali. Il-kap ta' l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa. L-ispejjeż u dritt relativi għar-relazzjoni jitħallsu nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti.